**3 ta' Diċembru, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Pietro Paolo Borg

*versus*

Giuseppe Caruana

## Interess Ġuridiku - Impunjazzjoni ta' Testment

*L-interess huwa l-miżura ta' l-azzjoni u huwa rekwiżit indispensabbli għall-proponibilità ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża. Dan għandu jirriżulta mic-ċitazzjoni iżda fil-każ preżenti ħareġ ċar li l-attur ma kien ser jippercepixxi l-ebda utilità fl-impunjazzjoni ta' testment.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi fil-25 ta' Awissu, 1978, il-mejta Anna Vella għamlet testment bil-ministeru tan-Nutar Antonio Carbonaro, u bih, wara li ħassret it-testment tagħha preċedenti, innominat lill-konvenut bħala eredi uniku tagħha; illi dan it-testment sar taħt pressjoni u kien vizzjat fil-kunsens u ma jirrappreżentax l-aħħar volontà ta' l-imsemmija Anna Vella; u illi l-attur kien jibbenefika mit-testment preċedenti ta' l-istess Anna Vella; talab li jiġi ddikjarat

u deċiż illi t-testment fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro tal-25 ta' Awissu, 1978, huwa null u bla effett in kwantu l-kunsens għalih kien vizzjat;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssolleva, fl-ewwel lok in-nuqqas ta' nteress legali ta' l-attur, u fit-tieni lok l-infondatezza tat-talba ta' l-attur;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 1982 li biha dik il-Qorti lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur wara li kkunsidrat:

*Illi in tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili* li l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni (Vol. XXXVII.II.608); u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilità ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII.I.507). L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX.I.891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX.I.317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġà twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII.I.108; Vol. XXXVII.I.57); XXXVII.II.608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu nteress fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXVIII.II.317);

Illi t-testment impunjat huwa dak li kopja tiegħu hija esebita a folio 23 tal-proċess. In virtù ta' dan it-testment, it-testatriċi (Anna armla minn Giuseppi Vella), wara li rrevokat it-testmenti preċedenti tagħha, innominat bħala uniku eredi tagħha

lil Giuseppe Caruana (il-konvenut f'din il-kawża), u f'każ ta' premorjenza tiegħu għat-testatriċi, lil erba' uliedu fi kwoti ugwali bejniethom;

Illi, kif deher mit-trattazzjoni orali dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, it-testment preċedenti li l-imsemmija Anna Vella kienet għamlet qabel dak impunjat, huwa dak li kopja tiegħu tinsab esebita a folio 9/10 tal-proċess (għalkemm l-attur żamm il-fakoltà li jottjeni u jesebixxi ċertifikati tat-testmenti ta' l-istess Anna Vella - fakoltà li baqa' ma għamilx użu minnha, jew jekk għamel baqa' ma pproduċa ebda dokumenti biex jikkontradiċi l-allegazzjoni tal-konvenut dwar li m'hemmx testmenti oħra magħmula fl-intervall bejn meta sar it-testment a folio 9 tal-proċess u dak impunjat). Intant fiċ-ċitazzjoni l-attur jirreferi biss għat-testment preċedenti dak impunjat, bħala t-testment li taħtu jibbenefika. Issa, skond dan it-testment imsemmi, li kopja tiegħu tinsab esebita a fol. 9/10 tal-proċess, it-testatriċi, wara li rrevokat kull testment ieħor tagħha preċedenti (u kwindi anke jekk kienet għamlet testmenti oħra qablu, dawn m'għandhom l-ebda relevanza għall-kwistjoni in diżamina), hija nnominat bħala eredi uniku u universali tagħha lil hawn fuq imsemmi Giuseppe Caruana. Dan it-testment (li sar in atti Nutar Antonio Carbonaro tas-26 ta' Awissu, 1977) mhuwiex qed jiġi mpunjat ukoll mill-attur;

Illi mill-premess jitnissel illi, anke kieku għall-grazzja ta' l-argument it-testment b'din il-kawża mpunjat kien u huwa null, il-konsegwenza immedjata tkun li jkollu effett sħiħ it-testment tas-26 ta' Awissu, 1977 (hawn fuq imsemmi), dak a fol. 9/10 tal-proċess, u l-eredità ta' Anna Vella tkun regolata bih, għaliex "testment null ma jistax ikollu l-effett ta' att nutarili biex iħassar testment ta' qabel" (artikolu 822 Kodiċi Ċivili) u testment pubbliku (bħalma hu dak tas-26 ta' Awissu, 1977), jista' jiġi mħassar jew b'testment ieħor li jsir wara jew b'att nutarili (artikolu 820 K.C.). Il-werriet istitwit ta' Anna Vella

għadu ħaj, tant li huwa l-istess konvenut. Kwindi d-domanda ta' l-attur ma tistax iġġiblu riżultat utili jew vantaġġjuż, għaliex anke kieku t-testment impunjat kellu jiġi ddikjarat null (kif qed jitlob l-attur), xorta jibqa' l-fatt li l-eredi uniku u universali tad-decujus ikun f'dak il-każ ukoll l-istess konvenut u l-attur ma jiggwadanja ebda benefiċċju. Għalhekk, meta jiġu applikati l-prinċipji legali hawn fuq enunċjati għall-każ in eżami, jidher li l-attur m'għandux interess ġuridiku f'din il-kawża;

L-attur jikkontendi li għandu nteress f'din il-kawża għaliex kemm-il darba tispiċċa b'eżitu favorevoli għalih, allura mbagħad, jimpunja, ukoll it-testment preċedenti (dak tas-26 ta' Awissu, 1977). Iżda dan l-argument għalkemm inġenjuż ma jreġix, għaliex l-interess f'din il-kawża jrid ikun konkret, u mhux ipotetiku. Kien ikun mod ieħor kieku ż-żewġ dokumenti msemmija ġew impunjati flimkien;

Rat in-nota ta' appell ta' l-attur ippreżentata fis-7 ta' Mejju, 1982;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess attur ipprezentata fl-24 ta' Mejju, 1982 li biha, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija mogħtija fid-29 ta' April, 1982 billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat ipprezentata fit-2 ta' Ġunju, 1982;

Rat l-atti l-oħra relevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

*L-attur appellant* qiegħed jitlob fiċ-ċitazzjoni għarraġunijiet minnu allegati illi t-testment ta' Anna Vella ppubblikat min-Nutar Antonio Carbonaro fil-25 ta' Awissu, 1978 jiġi ddikjarat null. L-attur appellant qiegħed jgħid ukoll fl-istess ċitazzjoni li hu kien jibbenefika mit-testment preċedenti ta' l-istess Anna Vella. Min-naħa tiegħu l-konvenut appellat eċċepixxa *n-nuqqas ta' nteress* legali ta' l-attur appellant għaliex mit-testment preċedenti ta' Anna Vella, ippubblikat mill-istess Nutar fis-26 ta' Awissu, 1977, l-attur appellant ma jista' jieħu l-ebda benefiċċju. Fil-fatt bit-testment tal-25 ta' Awissu, 1978 (fol. 23) Anna Vella kienet, wara li rrevokat it-testmenti tagħha preċedenti, innominat lill-konvenut bħala eredi uniku tagħha u f'każ ta' premorjenza *tiegħu għat*-testatriċi, innominat bħala eredi tagħha lill-erba' uliedu fi kwoti ugwali bejniethom. Fit-testment tas-26 ta' Awissu, 1977 (fol. 9) Anna Vella, wara li rrevokat it-testment preċedenti tagħha, kienet innominat bħala eredi tagħha lill-istess konvenut;

L-Ewwel Qorti laqgħet l-*imsemmija eċċezzjoni* tal-konvenut appellat u llum l-attur appellant qiegħed jappella minn din id-deċiżjoni għaliex isostni illi fil-fatt huwa għandu nteress legali. Skond l-attur appellant, l-iskop tiegħu huwa li jwaqqa' l-imsemmija żewġ testmenti iżda għażel li jagħmel dan f'żewġ stadji - l-ewwel jimpunja t-testment ippubblikat fil-25 ta' Awissu, 1978 u mbagħad it-testment ta' qablu, ċjoè dak *tas-26 ta' Awissu, 1977. Il*-fatt li għażel li jasal għall-iskop tiegħu, f'żewġ stadji ma jneħħilux l-interess legali tiegħu f'din il-kawża;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti, wara li eżaminat iċ-ċitazzjoni, issibha diffiċli li

taċċetta s-sottomissjoni ta' l-attur appellant li l-kawża preżenti għall-impunjazzjoni tat-testment ippubblikat min-Nutar Antonio Carbonaro fil-25 ta' Awissu, 1978 hija l-ewwel minn żewġ stadji biex hu jasal għall-iskop tiegħu li jimpunja l-imsemmija żewġ testmenti. Infatti, fil-premessi taċ-ċitazzjoni, wara li jingħad li t-testment tal-25 ta' Awissu, 1978 kien vizzjat fil-kunsens u ma jirrappreżentax l-aħħar volontà ta' l-imsemmija Anna Vella, jitkompla jingħad fil-premessi taċ-ċitazzjoni li l-attur appellant kien jibbenefika mit-testment preċedenti ta' Anna Vella u wara dawn il-premessi, l-attur appellant talab li l-Qorti tiddikjara null l-imsemmi testment tal-25 ta' Awissu, 1978;

Hu evidenti għalhekk li l-interess ta' l-attur appellant qiegħed minnu stess jiġi magħmul jikkonsisti fil-fatt li jekk jiġi ddikjara null it-testment ippubblikat fil-25 ta' Awissu, 1978, huwa jibbenefika mit-testment preċedenti ta' Anna Vella. Mela ċ-ċitazzjoni ma turi bl-ebda mod li l-kawża preżenti hija l-ewwel stadju li għandu jiġi segwit minn stadju ieħor fejn jiġi mbagħad impunjat it-testment preċedenti tas-26 ta' Awissu, 1977. Anzi għall-kuntrarju, skond iċ-ċitazzjoni, l-attur appellant sejjer jibbenefika minn dan it-testment preċedenti;

Għalhekk l-interess li l-attur appellant jallega li hu għandu li jagħmel il-kawża preżenti, ċjoè bħala l-ewwel stadju ta' żewġ stadji ntiżi biex jimpunjaw żewġ testmenti, ma jaqbilx ma' l-interess indikat fiċ-ċitazzjoni. Dan l-aħħar interess huwa ineżistenti billi hu ovvju li l-attur m'għandux interess li jwaqa' t-testment indikat fiċ-ċitazzjoni billi ma jibbenefikax mit-testment preċedenti;

L-interess li huwa l-miżura ta' l-azzjoni (Kollezzjoni Deċiżjonijiet Vol. XXXVII.II.608), li huwa l-bażi ta' l-azzjoni (Kollez. Deċ. Vol. XXIX.I.891) għandu jirriżulta miċ-ċitazzjoni,

iżda fil-każ preżenti dan l-interess ma jirriżultax;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-attur appellant.